**13 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

**Michele Farrugia**

*versus*

**Vincenzo Farrugia**

**Provi — Xhieda — Art. 590 tal-Kap. 15.**

***Il-liġi tiddisponi li, bħala regola, ebda persuna preżenti waqt is-smiegħ tal-kawża ma tista' tinġieb bħala xhud fl-istess kawża; iżda dan hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, li għal raġuni tajba tista' tiddispensa minn din ir-regola fil-każ partikulari.***

***Imma din id-dispożizzjoni ma tirrigwardax lix-xhieda li ma kienux preżenti fl-awla waqt il-kawża; u ma jidherx li tista' tiġi applikata għal dawk ix-xhieda li, għalkemm ma kienux preżenti waqt is-smiegħ tal-kawża, però jkunu qraw id-depożizzjonijiet tax-xhieda li jkunu xehdu qabel.***

***Wara kollox, din hija dispożizzjoni mhux assoluta, imma dettata biss bħala regola ġenerali li minnha l-Qorti, għal raġuni tajba, tista' tiddipartixxi; salv li fil-valutazzjoni u l-apprezzament tad-depożizzjoni ta' dawk l-istess xhieda ma tonqosx li tikkunsidra x'seta' kien li nduċa lil dawk ix-xhieda li jaqraw id-depożizzjonijiet tax-xhieda mogħtija preċedentement, qabel ma huma kellhom jixhdu.***

Il-Qorti:—Fuq l-inċident verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Jannar 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jopponi ruħu għall-produzzjoni tax-xhud Antonio Farrugia, mitluba mill-konvenut, u jitlob li tiġi sfilzata d-depożizzjoni mogħtija minn Salvatore Farrugia, xhud prodott mill-konvenut, għar-raġuni li dan l-aħħar xhud u l-imsemmi Antonio Farrugia, ftit qabel ma ssejħet il-kawża fl-imsemmija seduta, kienu qegħdin jaqraw id-depożizzjonijiet mogħtija mix-xhieda ta' qabel riportati fil-proċess. Din l-aħħar ċirkustanza mhix kontestata mill-konvenut;

Illi l-liġi tiddisponi li bħala regola ebda persuna preżenti waqt is-smiegħ ta' kawża ma tista' tinġieb bħala xhud fl-istess kawża; iżda hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li, għal raġuni tajba, tiddispensa minn din ir-regola f'każijiet partikulari (art. 590 Kap. 15). Din id-dispożizzjoni għandha bħala bażi l-prinċipju u l-prekawzjoni tal-eżami separat tax-xhieda; u hi intiża li tevita li x-xhud li jkun għad irid jixhed jista' jisma' d-depożizzjoni ta' xhud ieħor fuq diversi ċirkustanzi, u b'hekk ifixkel l-iskop li, tant fl-eżami kemm fil-kontro-eżami, tista' tiġi mikxufa l-inveridiċità preġudizzjevoli tax-xhud (Vol. XXI-II-249); b'mod li r-raġunijiet li ddeterminaw lill-leġislatur jistabbilixxi din id-dispożizzjoni ta' divjet ġenerali jistgħu jkunu dawk, fost oħrajn, li persuna preżenti għad-dibattiment ġudizzjali tista' tissubixxi l-influwenza tad-diskussjoni u r-rakkont tax-xhieda l-oħra li jkunu ddeponew qabel; u l-interess li jista' jkollha persuna li tkun preżenti fit-trattazzjoni tal-kawża li tikkonferma jew tikkontraddiċi ċirkustanzi deposti minn xhieda oħra b'xewqa ta' vittorja ta' waħda mill-partijiet jew ta' sokkombenza għall-parti l-oħra (Vol. XXII-II-5);

Illi l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, li fuqha l-attur jibbaża l-oppożizzjoni u t-talba tiegħu ġa msemmijin, tirriferixxi għal xhud li jkun preżenti waqt is-smiegħ tal-kawża. u ma tirrigwardax lix-xhud li ma jkunx preżenti waqt li l-kawża tkun qegħedha tinstemgħa; u għalhekk ma jidherx li tista tiġi applikata għar-rigward tal-imsemmijin Salvatore Farrugia u Antonio Farrugia, li ma kienux pre-

żenti waqt is-smiegħ tal-kawża. Hu veru, kif tajjeb issottometta l-attur, li l-każ ta' dawn ix-xhieda jista' jiġi ewkiparat għall-każ kontemplat fl-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi; għaliex, jekk xhud, immedjatament qabel ma jagħti d-depożizzjoni tiegħu, jaqra d-depożizzjoni li tkun ġiet mogħtija mix-xhieda li jkun ddeponew qablu f'seduta preċedenti, ikun kważi fl-istess pożizzjoni daqs kieku kien preżenti waqt li dawk ix-xhieda kienu qegħdin jiddeponu; imma jibqa' dejjem li fit-termini stretti tal-istess dispożizzjoni din ma tapplikax għall-imsemmijin xhieda;

Illi, wara kollox, ir-regolament tal-istess dispożizzjoni lanqas ma hu assolut, imma biss jistabbilixxi regola ġenerali li minnha l-Qorti, għal ġusta kawża, tista' tiddipartixxi; u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, speċjalment meta, kif ingħad, l-imsemmija xhieda ma kienux preżenti waqt issmiegħ tal-kawża, ma jidherx li l-Qorti għandha tilqa' t-talba tal-attur; salv, ċertament, li fil-valutazzjoni u l-apprezzament tad-depożizzjonijiet tal-istess xhieda ma tonqosx li tikkunsidra x'seta' nduċa lil dawn ix-xhieda, meta huma wieħed hu l-kontendenti u l-ieħor in-neputi tagħhom, it-tnejn joqgħodu fl-istess dar mal-konvenut, u kwindi għandu jiġi preżunt li wara s-seduta tal-Qorti ingħad f'dik id-dar x'kien ġie depost mix-xhieda f'kull seduta, li huma jħossu l-bżonn li jaqraw id-depożizzjonijiet tax-xhieda mogħtija preċedentement immedjatament qabel ma kellhom jixhdu;

Għalhekk;

Tipprovdi fuq l-inċident fis-sens li tirrespinġi t-talba tal-attur għall-isfilz tad-depożizzjoni tax-xhud Salvatore Farrugia, u li tippermetti lill-konvenut jipproduċi bħala xhud tiegħu lil Antonio Farrugia. L-ispejjeż tal-inċident jibqgħu riżervati għas-sentenza finali.